IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.7.2020
COM(2020) 292 final

2020/0136 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1855 li tawtorizza lir-Rumanija tapplika miżura speċjali ta' deroga għall-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1] ("id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru biex japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jipprevjeni ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

B'ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fl-14 ta' Jannar 2020, ir-Rumanija talbet awtorizzazzjoni biex wara l-31 ta' Diċembru 2020, tibqa' teżenta mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx aktar mill-ekwivalenti ta' EUR 88 500 fil-munita nazzjonali.

F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tar-Rumanija permezz tal-ittra bid-data tat-18 ta' Frar 2020. Bl-ittra bid-data tad-19 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Rumanija li kellha l-informazzjoni kollha li qieset bħala meħtieġa biex tevalwa t-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu japplikaw skema speċjali għall-impriżi żgħar, li tinkludi l-possibbiltà li jeżentaw lil persuni taxxabbli li ma jkunux jaqbżu ċertu fatturat annwali mill-VAT. Il-persuni taxxabbli li jaqgħu taħt din l-eżenzjoni ma għandhomx għalfejn jimponu l-VAT fuq il-provvisti tagħhom u b'hekk ma jistgħux inaqqsu l-VAT fuq l-inputs tagħhom.

Skont l-Artikolu 287(18) tad-Direttiva tal-VAT, ir-Rumanija tista' teżenta mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jkunx aktar mill-ekwivalenti ta' EUR 35 000 fil-munita nazzjonali.

Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/181/UE[2], ir-Rumanija kienet awtorizzata, sal-31 ta' Diċembru 2014 biex teżenta mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom mhuwiex aktar mill-ekwivalenti għal EUR 65 000 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/931/UE[3] awtorizzat lir-Rumanija tkompli tapplika l-miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287(18) tad-Direttiva tal-VAT sal-31 ta' Diċembru 2017. Sussegwentement, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1855[4], ir-Rumanija ġiet awtorizzata żżid is-soll tal-eżenzjoni għall-ekwivalenti ta' EUR 88 500 fil-munita nazzjonali u li testendi d-data ta' skadenza tal-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2020 jew sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' direttiva li temenda d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 281 sa 294 tad-Direttiva tal-VAT, skont liema data tiġi l-ewwel.

---

1 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

2 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/181/UE tas-26 ta' Marzu 2012 li tawtorizza lir-Rumanija biex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 92, 30.3.2012, p. 26).

3 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/931/UE tas-16 ta' Diċembru 2014 li testendi l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/181/UE li tawtorizza lir-Rumanija ddaħħal miżura ta' deroga speċjali mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 365, 19.12.2014, p. 145).

4 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1855 tal-10 ta' Ottubru 2017 li tawtorizza lir-Rumanija tapplika miżura speċjali ta' deroga għall-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 265, 14.10.2017, p. 19).

Il-miżura għandha karattru fakultattiv, u tippermetti lin-negozji ż-żgħar jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT.

Din it-talba mir-Rumanija biex id-data ta' skadenza tad-deroga tkompli tittawwal, mingħajr ma jiżdied is-soll preżenti ta' EUR 88 500, hija bbażata fuq l-istess raġunijiet bħal dawk ippreżentati fit-talbiet preċedenti.

Ir-Rumanija ssostni li l-estensjoni tal-miżura ta' deroga kif ukoll il-limitu attwali tal-eżenzjoni huma ġġustifikati fid-dawl tal-istruttura tal-ekonomija nazzjonali. L-impriżi żgħar u ta' daqs medju jħabbtu wiċċhom ma' kostijiet tal-konformità tal-VAT sproporzjonati meta mqabbla ma' impriżi kbar. L-eżenzjoni mill-VAT tnaqqas b'mod sinifikanti l-obbligi tan-negozji ż-żgħar fir-rigward tal-VAT, filwaqt li teħles lill-awtoritajiet tat-taxxa mill-piż li jkollhom jimmonitorjaw il-ġbir ta' volum żgħir ta' dħul mill-impriżi żgħar u ta' daqs medju b'fatturat annwali ta' inqas minn EUR 88 500.

F'dan ir-rigward, ir-Rumanija stmat li fl-2019, l-ammont ta' VAT li tħallas lill-baġit tal-istat minn persuni taxxabbli rreġistrati għall-finijiet tal-VAT, b'fatturat annwali ta' inqas minn EUR 88 500, irrappreżenta 2,52 tad-dħul totali mill-VAT u 1,09 % tad-dħul tal-baġit totali tal-Istat. Għall-istess sena, il-persuni taxxabbli b'fatturat annwali ogħla minn EUR 88 500 (li jirrappreżentaw 42,85 % tal-għadd totali ta' persuni taxxabbli rreġistrati għal finijiet tal-VAT) għamlu kontribuzzjoni ta' 97,48 % għad-dħul totali mill-VAT. B'hekk l-impatt tal-miżura ta' deroga fuq id-dħul mit-taxxa miġbur fl-istadju tal-konsum finali mistenni jkun negliġibbli, filwaqt li l-impatt tiegħu mistenni jkun sinifikanti f'termini ta' simplifikazzjoni, kemm tal-obbligi tat-taxxa tal-persuni taxxabbli kkonċernati, kif ukoll tal-proċedura għall-ġbir tal-VAT għad-dipartiment tat-taxxa.

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija, huwa ċar li l-għan tat-talba biex tiġi estiża l-miżura ta' deroga huwa li n-negozji ż-żgħar jinħelsu minn ħafna mill-obbligi tal-VAT taħt l-arranġamenti normali tal-VAT kif ukoll li jitnaqqas il-piż fuq id-dipartiment tat-taxxa f'termini tal-ġbir tat-taxxa, biex b'hekk din issir aktar effiċjenti, filwaqt li jiġu ffrankati r-riżorsi amministrattivi u titnaqqas l-evażjoni tat-taxxa. Għalhekk, il-miżura ta' deroga tikkonforma mal-objettivi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-VAT li jippermetti lill-Istati Membri jintroduċu miżuri speċjali li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tagħha biex jissimplifikaw il-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew għall-prevenzjoni tal-evażjoni tat-taxxa. F'dan il-kuntest, qed jiġi mtenni li l-miżura hija u se tibqa' fakultattiva għall-persuni taxxabbli, li jitħallew jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT jekk iridu.

Kif uriet ir-Rumanija, il-miżura ta' deroga lanqas ma hi mistennija taffettwa b'mod sinifikanti l-ammont globali tad-dħul tagħha mit-taxxa miġbur fl-istadju tal-konsum finali. Għalhekk, il-miżura ta' deroga jidher li hija f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-VAT.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u peress li l-qafas legali tal-UE u s-sitwazzjoni fattwali baqgħu l-istess, l-estensjoni mitluba tad-data ta' skadenza tal-miżura ta' deroga tidher li hija ġġustifikata. Għaldaqstant, qed jiġi propost li t-talba tar-Rumanija tintlaqa'.

Normalment, id-derogi jingħataw għal perjodu ta' żmien limitat biex ikun jista' jiġi vvalutat jekk il-miżura ta' deroga tibqax adegwata u effettiva. Barra minn hekk, fit-18 ta' Frar 2020, il-Kunsill adotta direttiva li temenda d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva

tal-VAT dwar skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar[5]. Id-Direttiva l-ġdida dwar regoli tal-VAT aktar sempliċi għal impriżi żgħar tirrikjedi li l-Istati Membri, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024, jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mar-regoli l-ġodda. L-Istati Membri se jkollhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet nazzjonali mill-1 ta' Jannar 2025.

Għalhekk, jixraq li r-Rumanija tkun awtorizzata tkompli tapplika l-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2024.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-miżura ta' deroga hija konformi mal-filosofija tad-direttiva msemmija hawn fuq li temenda l-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva tal-VAT dwar skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar, adottata fit-18 ta' Frar 2020, li rriżultat mill-pjan ta' azzjoni dwar il-VAT[6], u għandha l-għan li toħloq skema moderna u simplifikata għal dawk in-negozji. B'mod partikolari, għandha l-għan li tnaqqas il-kostijiet tal-konformità mal-VAT u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fil-livell domestiku u fil-livell tal-UE, tnaqqas l-impatt negattiv tal-effett tas-soll u tiffaċilita kemm il-konformità tan-negozju kif ukoll il-monitoraġġ mid-dipartimenti tat-taxxa.

Stati Membri oħra ngħataw derogi simili li jeżentaw mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom huwa inqas minn ċertu soll, kif previst fl-Artikolu 285 tad-Direttiva tal-VAT. Malta[7] ngħatat soll ta' EUR 20 000; in-Netherlands[8] ingħataw soll ta' EUR 25 000; il-Lussemburgu[9] ngħata soll ta' EUR 35 000; il-Polonja[10], l-Estonja[11] u l-Latvja[12] ngħataw soll ta' EUR 40 000; il-Kroazja[13] u l-Litwanja[14] ngħataw soll ta' EUR 45 000; l-Ungerija[15]

---

5 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar (ĠU L 62, 2.3.2020, p. 13).

6 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT – Lejn żona unika tal-VAT fl-UE – Iż-żmien biex niddeċiedu COM(2016) 148 final.

7 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/279 tal-20 ta' Frar 2018 li tawtorizza lil Malta biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 54, 24.2.2018, p. 14).

8 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1904 tal-4 ta' Diċembru 2018 li tawtorizza lin-Netherlands jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 310, 6.12.2018, p. 25).

9 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2210 tad-19 ta' Diċembru 2019 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE li tawtorizza lil-Lussemburgu jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 332, 23.12.2019, p. 155).

10 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1919 tal-4 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 311, 7.12.2018, p. 32).

11 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/563 tal-21 ta' Marzu 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Estonja biex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 80, 25.3.2017, p. 33).

12 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2408 tat-18 ta' Diċembru 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 342, 21.12.2017, p. 8).

13 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1768 tal-25 ta' Settembru 2017 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Kroazja tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 250, 28.9.2017, p. 71).

ngħatat soll ta' EUR 48 000; is-Slovenja[16] ngħatat soll ta' EUR 50 000; u l-Italja[17] ngħatat soll ta' EUR 65 000.

Kif issemma diġà, jenħtieġ li d-derogi mid-Direttiva tal-VAT ikunu dejjem limitati fiż-żmien biex l-effetti tagħhom ikunu jistgħu jiġu vvalutati. L-estensjoni tad-data ta' skadenza tal-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2024 hija allinjata mar-rekwiżiti tad-Direttiva l-ġdida dwar regoli tal-VAT aktar sempliċi għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju. Din id-Direttiva tipprevedi l-1 ta' Jannar 2025 bħala d-data li fiha l-Istati Membri jkollhom japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali, li huma obbligati jadottaw sabiex jikkonformaw magħha.

Għalhekk, il-miżura proposta hija konsistenti mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT.

Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Fil-programmi ta' ħidma annwali tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat b'mod konsistenti l-ħtieġa għal regoli aktar sempliċi għall-impriżi żgħar. F'dan ir-rigward, il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2020[18] jirreferi għal "*Strateġija ddedikata għall-SMEs li se tagħmilha aktar faċli biex in-negozji żgħar u medji joperaw, jikbru u jespandu*". Il-miżura ta' deroga tikkonforma ma' tali objettivi, f'dak li għandu x'jaqsam mar-regoli fiskali. Hija notevolement konsistenti mal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2017[19], li rrefera speċifikament għall-VAT, fejn issemma li l-piż amministrattiv tal-konformità tal-VAT għan-negozji żgħar huwa għoli u li l-innovazzjonijiet tekniċi joħolqu sfidi ġodda għall-ġbir effettiv tat-taxxa u enfasizza l-ħtieġa li l-VAT tiġi ssimplifikata għall-kumpaniji iżgħar.

Bl-istess mod, il-miżura hija konsistenti mal-istrateġija tas-suq uniku tal-2015[20], li fiha l-Kummissjoni ħadmet biex tgħin lin-negozji żgħar u ta' daqs medju jikbru, fost l-oħrajn billi jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi li ma jħalluhomx jisfruttaw għalkollox is-suq uniku. Issegwi wkoll il-filosofija tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2013 dwar il-"Pjan ta' Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020: Tkebbis mill-ġdid tal-ispirtu tal-intraprendenza fl-

---

14 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1853 tal-10 ta' Ottubru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2011/335/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja sabiex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 265, 14.10.2017, p. 15).

15 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1490 tat-2 ta' Ottubru 2018 li tawtorizza lill-Ungerija biex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 252, 8.10.2018, p. 38).

16 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1700 tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/54/UE li tawtorizza lir-Repubblika tas-Slovenja biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 285, 13.11.2018, p. 78).

17 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/647 tal-11 ta' Mejju 2020 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 151, 14.5.2020, p. 7).

18 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2020 - Unjoni li tirsisti għal iktar (COM(2020) 37 final).

19 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2017 (COM(2016) 710 final).

20 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji (COM(2015) 550 final).

Ewropa”[21], li tenfasizza l-ħtieġa li tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni tat-taxxa għan-negozji ż-żgħar.

Fl-aħħar nett, il-miżura tikkonforma mal-politiki tal-UE dwar l-impriżi żgħar u medji kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-2016 favur in-Negozji l-ġodda[22] u fil-Komunikazzjoni tal-2008 ““Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir” - “Att dwar in-Negozji ż-Żgħar” għall-Ewropa”[23], li stiednu lill-Istati Membri biex iqisu l-karatteristiċi speċjali tal-SMEs meta jfasslu l-leġiżlazzjoni u jissimplifikaw l-ambjent regolatorju eżistenti.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT huwa l-unika bażi ġuridika possibbli.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-proposta hija fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta’ applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hi proporzjonata mal-għan li jrid jintlaħaq, jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-ġbir tat-taxxi għall-persuni taxxabbli żgħar u għad-dipartiment tat-taxxa, biex jiġu ffrankati r-riżorsi amministrattivi u titnaqqas l-evażjoni tat-taxxa.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, huwa possibbli li tingħata deroga mir-regoli komuni tal-VAT biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, li jaġixxi b’mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument xieraq peress li tista’ tiġi indirizzata lil Stat Membru individwali.

---

[21] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020: Tkebbis mill-ġdid tal-ispirtu tal-intraprendenza fl-Ewropa (COM(2012) 795 final).

[22] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-mexxejja li Jmiss tal-Ewropa: L-Inizjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu (COM(2016) 733 final).

[23] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir” “Att dwar in-Negozji ż-Żgħar” għall-Ewropa (COM(2008) 394 final).

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma saret l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Il-proposta attwali hija bbażata fuq talba li saret mir-Rumanija u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru partikolari.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill għandha l-għan li testendi miżura għas-simplifikazzjoni li telimina ħafna mill-obbligi tal-VAT għan-negozji li joperaw b'fatturat annwali ta' mhux aktar minn EUR 88 500 jew l-ekwivalent ta' dan l-ammont fil-munita nazzjonali. Dan jista' jkollu impatt potenzjalment pożittiv fuq it-tnaqqis tal-piż amministrattiv għal 241 417 impriża żgħira li jirrappreżentaw 57,15 % tal-għadd totali ta' persuni taxxabbli rreġistrati għal skopijiet ta' VAT u 17,79 % tal-għadd totali ta' persuni taxxabbli attivi fir-Rumanija għall-2019 (sal-31 ta' Ottubru). Bl-istess mod, il-miżura ta' deroga tista' tnaqqas b'mod sinifikanti il-piż tad-dipartiment tat-taxxa f'termini ta' ġbir tat-taxxi, biex b'hekk dan isir aktar effiċjenti, filwaqt li jitnaqqsu r-riżorsi amministrattivi u titnaqqas l-evażjoni tat-taxxa. Il-miżura ta' deroga hija u se tibqa' fakultattiva għall-persuni taxxabbli. Il-persuni taxxabbli xorta se jkunu jistgħu jagħżlu l-arranġamenti regolari tal-VAT skont l-Artikolu 290 tad-Direttiva 2006/112/KE. L-impatt baġitarju f'termini ta' dħul mill-VAT għall-2019, ir-Rumanija tqisu bħala negliġibbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-proposta mhux se jkollha impatt negattiv fuq il-baġit tal-UE peress li r-Rumanija se twettaq kalkolu ta' kumpens skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE EURATOM) 1553/89.

2020/0136 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1855 li tawtorizza lir-Rumanija tapplika miżura speċjali ta' deroga għall-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont il-punt (18) tal-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Rumanija tista' teżenta mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx l-ekwivalenti ta' EUR 35 000 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha.

(2) Bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/181/UE[2], ir-Rumanija kienet awtorizzata tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE ("il-miżura ta' deroga"), biex teżenta mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx EUR 65 000. Il-miżura ta' deroga skadiet fit-31 ta' Diċembru 2014.

(3) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/931/UE[3], ir-Rumanija ġiet awtorizzata tkompli tapplika l-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2017.

(4) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1855[4], ir-Rumanija ġiet awtorizzata tapplika miżura speċjali biex tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE u b'hekk tagħti eżenzjoni mill-VAT lill-persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom mhuwiex għola mill-ekwivalenti għal EUR 88 500 fil-munita nazzjonali bir-rata tal-konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha. Il-miżura ta' deroga ġiet awtorizzata sal-31 ta' Diċembru 2020, jew sad-dħul fis-seħħ ta' direttiva li temenda d-

[1] ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/181/UE tas-26 ta' Marzu 2012 li tawtorizza lir-Rumanija biex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 92, 30.3.2012, p. 26).

[3] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/931/UE tas-16 ta' Diċembru 2014 li testendi l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/181/UE li tawtorizza lir-Rumanija ddaħħal miżura ta' deroga speċjali mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 365, 19.12.2014, p. 145).

[4] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1855 tal-10 ta' Ottubru 2017 li tawtorizza lir-Rumanija tapplika miżura speċjali ta' deroga għall-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 265, 14.10.2017, p. 19).

dispożizzjonijiet tal-Artikoli 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE, skont liema data tiġi l-ewwel.

(5) Fit-18 ta' Frar 2020, il-Kunsill adotta d-Direttiva (UE) 2020/285[5] li temenda l-Artikolu 281 sa 294 tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u li tistabbilixxi regoli ġodda għall-impriżi ż-żgħar, inkluż is-soll massimu tal-fatturat annwali tal-Istat Membru ta' 85 000 jew l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali.

(6) Permezz tal-ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fl-14 ta' Jannar 2020, ir-Rumanija talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika l-miżura ta' deroga wara l-31 ta' Diċembru 2020.

(7) Permezz tal-ittra bid-data tat-18 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, bit-talba li għamlet ir-Rumanija. Permezz ta' ittra bid-data tad-19 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Rumanija li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

(8) Mill-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija, jidher li r-raġunijiet għall-miżura ta' deroga għadhom ġeneralment l-istess. Il-miżura ta' deroga hija waħda ta' simplifikazzjoni li tnaqqas l-obbligi marbuta mal-VAT għal għadd ta' impriżi żgħar. Tnaqqas ukoll il-piż fuq l-awtoritajiet tat-taxxa billi tneħħi l-bżonn li jiġi mmonitorjat il-ġbir ta' volum żgħir ta' dħul minn għadd akbar ta' impriżi żgħar. Iż-żamma tal-istess soll ta' eżenzjoni attwali jidher li hija mod effettiv biex jiġu ffrankati r-riżorsi amministrattivi u biex titnaqqas l-evażjoni tat-taxxa.

(9) Il-miżura ta' deroga hija u se tibqa' fakultattiva għall-persuni taxxabbli. Il-persuna taxxabbli xorta jistgħu jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT skont l-Artikolu 290 tad-Direttiva 2006/112/KE.

(10) Skont l-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija, il-miżura ta' deroga se jkollha effett negliġibbli biss fuq l-ammont globali tad-dħul mill-VAT tar-Rumanija miġbur fl-istadju tal-konsum finali.

(11) Il-miżura ta' deroga mhix se taffettwa b'mod negattiv lir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jakkumulaw mill-VAT minħabba li r-Rumanija se twettaq kalkolu tal-kumpens skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, EURATOM) Nru 1553/89[6].

(12) Minħabba l-impatt potenzjalment pożittiv tal-miżura ta' deroga bit-tnaqqis tal-piż amministrattiv għan-negozji żgħar u għall-awtoritajiet tat-taxxa, u n-nuqqas ta' kwalunkwe impatt kbir fuq id-dħul totali ġġenerat mill-VAT, jenħtieġ li r-Rumanija tkun awtorizzata tkompli tapplika l-miżura ta' deroga għal perjodu ulterjuri.

(13) Jenħtieġ li l-estensjoni tal-awtorizzazzjoni biex tiġi applikata l-miżura ta' deroga, tkun limitata fiż-żmien. Jenħtieġ li l-limitu ta' żmien ikun biżżejjed biex tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-effettività u l-adegwatezza tas-soll. Barra minn hekk, skont id-Direttiva (UE) 2020/285, sal-31 ta' Diċembru 2024, l-Istati Membri għandhom

---

5 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/285 tat-18 ta' Frar 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar u r-Regolament (UE) Nru 904/2010 fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tal-iskema speċjali għall-impriżi ż-żgħar (ĠU L 62, 2.3.2020, p. 13).

6 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud (ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9).

jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi biex jikkonformaw mal-Artikolu 1 ta' dik id-Direttiva, u għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2025. Għalhekk, jixraq li r-Rumanija tkun awtorizzata tapplika l-miżura ta' deroga sal-31 ta' Diċembru 2024.

(14) Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1855 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1855, ir-raba' paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2024."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President